# QORTI ĊIVILI
**(Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)**
Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 31 ta' Lulju 2025**

**Nru: 1**

**Rikors Nru. 3/2024**

**Damian Borg**

**v**

**Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi**
**u il-Kummissarju tal-Pulizija**
**għal kull interess li jista' jkollu**
**u**
**b'digriet tad-19 ta' Novembru 2024**
**issejjaħ fil-kawża**
**Darren Desira**

1. Fir-rikors ġuramentat tiegħu, Damian Borg ressaq dawn il-premessi:

i. Illi fis-27 ta' April 2023, Damian Borg f'isem *Valley Auto Dealers*, biegh vettura *second hand* tal-marka Mercedes E350 bin-Numru ta' Registrazzjoni HCD 663 lil Daren Desira (K.I. 96692M) bil-kundizzjoni li x-xerrej ma setax ibigh, jitlef il-kontroll, jitrasferixxi jew b'xi mod iehor jiddisponi mill-karozza minghajr il-kunsens bil-miktub tal-istess rikorrenti u dan sakemm il-karozza tkun imhallsa fl-intier taghha mix-xerrej Darren Desira (ara **DOK DB1** hawn anness);

ii. Illi gie a konjizzjoni tal-esponenti li Daren Desira qieghed jaffaccja proceduri Kriminali quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (Kumpilazzjoni Numru 396/2023) u sar jaf li l-karozza msemmija qieghda fil-pussess tal-Pulizija;

iii. Illi l-intimat Daren Desira ghadu ma effettwa ebda pagament ghal din il-karozza ghajr ghad-depozitu inizjali ta' €500, ghalhekk in vista tal-kuntratt sureferit, galadarba inqabzu izjed minn zewg pagamenti konsekuttiivi, r-rikorrenti bhala s-sid, ghandu dritt li jerga jiehu lura l-pussess ta' din il-vettura;

iv. Illi in vista ta' dan qed tigi esebita kopja tal-logbook tal-vettura fejn id-ditta *Valley Auto Dealers* qed tigi dikjarata bhala s-sid ta' din l-istess vettura (ara **Dok DB2** hawn annss);

v. Illi l-esponenti intavola rikors quddiem il-Qorti Kriminali fejn talab ir-rilaxx ta' din l-istess vettura. Madanakollu fid-digriet tal-Onorabbli Qorti Kriminali, minkejja li gie dikjarat li kemm Daren Desira kif ukoll l-Avukat Generali ma ghandhom ebda oggezzjoni ghal dan ir-rilaxx stante li l-vettura ma kinitx il-*corpus delicti* fl-allegati reati li bihom jinsab mixli Daren Desira, gie dikjarat li l-forum adegwat u r-rimedju opportun ghal tali talba huwa quddiem din l-Onorabbli Qorti (ara Digriet datat 2 ta' Frar 2024 anness u immarkat bhala **Dok DB3**);

vi. Illi f'dan id-digriet l-Onorabbli Qorti Kriminali rrimarkat ukoll li huwa ovju li l-vettura in kwistjoni ma tappartjenix lil Daren Desira izda hija biss mizmuma minnu ai termini tal-Artikolu 36(1) tal-Kap 621 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula li:

*"Meta persuna tkun akkuzata b'reat rilevanti, il-Qorti ghandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni, taghmel Ordni (minn hawn 'il quddiem imsejha "Ordni ta' Qbid u Iffrizar") billi:*

*(a) Zzomm f'idejn partijiet terzi b'mod generali l-flus u kull proprjeta' mobbli ohra dovuta jew li tappartjeni jew li hija tal-akkuzat, u*

***(b) Tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi, iwieghed, jipoteka jew jibdel jew jiddisponi minn kwalunkwe proprjeta' immobbli jew mobbli li tkun proprjeta' ta' jew inkella mizmuma minnu**:"*

vii. Illi konsegwentement, ghalkemm il-vettura kienet biss mizmuma minn Daren Desira, u ma tappartjenix lilu, xorta wahda giet milquta bl-Ordni ta' Qbid u Iffrizar li huwa soggett ghaliha l-istess Daren Desira galadarba kienet fil-pussess tieghu;

viii. Illi ghaldaqstant huwa r-rimedju stabbilit fl-Artikolu 39 tal-Kap 621 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa applikabbli ghal-kaz odjern. Ghalhekk, l-esponenti qieghed jintavola dan ir-rikors sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiehu in kunsiderazzjoni l-fatti suesposti fid-dawl tal-Ordni ta' Qbid u Ffrizar in kwistjoni;

ix. Illi r-rikorrent jirriserva li jipprovdi kull prova ohra li ghandha tigi pprezentata in vista tat-talbiet tieghu;

2. Fuq il-bażi ta' dawn il-premessi Damian Borg talab lill-qorti sabiex, skont tal-Artikolu 39 tal-Kap 621, tiddikjara li hu f'ismu proprju u ghan-nom tad-Ditta *Valley Auto Dealers,* huwa s-sid tal-vettura Mercedes E350 bin-Numru ta' Registrazzjoni HCD 663 u tiddikjara wkoll li din il-vettura ma għandiex tibqa' soġġetta ghall-Ordni ta' Qbid u Ffrizar li biha huwa milqut Daren Desira, u konsegwentement tordna u tawtorizża r-rilaxx ta' din il-vettura favur l-istess Damian Borg f'ismu proprju u ghan-nom ta' *Valley Auto Dealers,* u dan salv kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

3. L-Uffiċċju u l-Kummissarju ressqu risposta ġuramentata flimkien (ara paġni 20 – 23). It-talba fil-konfront tal-Kummissarju ġiet irtirata waqt is-smigħ tal-15 ta' Lulju 2025, biex b'hekk it-tielet eċċezzjoni ġiet megħluba. F'dak is-smigħ l-Uffiċċju rtira ukoll l-ewwel u r-raba' eċċezzjonijiet tiegħu.

4. It-tieni eċċezzjoni kienet intlaqgħet bis-sejħa fil-kawża ta' Darren Desira. Is-sur Desira ma ressaqx risposta, iżda dan in-nuqqas ma jistax jitqies oppożizzjoni għat-talbiet għaliex f'affidavit li hu ressaq (paġna 37), hu ammetta dak li jallega s-sur Borg.

5. Dwar il-mertu, għalkemm l-Uffiċċju, fir-risposta, kien ikkontesta dak allegat u dak mitlub, l-istess Uffiċċju lejalment aċċetta, fl-aħħar smigħ, li l-provi kienu suffiċjenti biex it-talba tas-sur Borg tintlaqa'; kif il-qorti ssib li hu il-każ.

Għal dawn ir-raġunijiet, it-talba tas-sur Borg hi milqugha u l-qorti għalhekk tiddikjara li hu f'ismu proprju, u eżerċenti n-negozju bħala *Valley Auto Dealers*, huwa s-sid tal-vettura Mercedes E350 bin-Numru ta' Registrazzjoni HCD 663 u tiddikjara wkoll li din il-vettura ma għandiex tibqa' soġġetta ghall-Ordni ta' Qbid u Ffrizar li biha huwa milqut Daren Desira, u konsegwentement tordna u tawtorizża r-rilaxx ta' din il-vettura favur l-istess Damian Borg.

Għalkemm l-Uffiċċju ma' jistax jitqies li għandu tort f'din il-kwistjoni, jibqa' li hu ġust li, bħala aġenzija tal-istat, iħallas l-ispejjeż hu.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur